MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 15a

28 ta' Lulju 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 15 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 28 ta' Lulju 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li fir-rigward tal-minuta 2.2.2. tas-seduta preċedenti dwar Korsijiet tal-Kompjuter fis-Sala tal-Kunsill, l-isem tal-Kunsillier għandu jinbidel għas-Sur K. Buttigieg u għaldaqstant għandha tinqara kif ġej:

"Is-Sur K. Buttigieg staqsa jekk il-kumpanija TCTC Ltd kinitx laqgħet it-talba tal-Kunsill sabiex minflok kompjuters, l-istudenti li ser jattendu għall-korsijiet tal-kompjuter jużaw laptops. Huwa qal li qed isaqsi dan peress li issa li s-sala Joseph Borg sarilha refurbishment, ma jmurx li jkollok din is-sala armata l-ħin kollu bl-apparat tal-kompjuters."

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet li fir-rigward tal-minuta 2.4.6. tas-seduta preċedenti dwar Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa, l-isem tal-Kunsilliera għandu jinbidel għal Ms R. Bartolo Cutajar u għaldaqstant għandha tinqara kif ġej:

"Ms R. Bartolo Cutajar staqsiet ukoll jekk il-Pulizija tal-Komunità pprovdewx feedback fuq ir-rapport li sar mill-Kunsill, fir-rigward tal-boundary wall u periklu li jeżisti fi proprjetà li bdiet tinbena iżda x-xogħol waqaf għal kollox fi Triq il-Fortizza. Is-Sindku wieġeb li dan il-każ ser jgħaddih ukoll lill-Building and Construction Authority (BCA)."

1.3. Il-minuti tas-Seduta Nru.14 li saret fil-25 ta' Ġunju 2025 ġew approvati mingħar aktar korrezzjonijiet.

**Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv (P/7/1/Vol XVII)**

Is-Sindku G. Micallef għarraf li nhar it-Tlieta, 22 ta' Lulju 2025 id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġiet mgħarrfa li l-ħatra tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv ġiet approvata. Il-kariga f'dan l-irwol se tibda b'mod uffiċjali fl-1 ta' Awwissu 2025, anke permezz ta' avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Kunsillier J. Buttigieg qal f'isem il-Kunsill jixtieq jifirħilha u jawguralha. Il-mertu huwa kollu tagħha u qal dan għax huwa kien membru fuq il-Bord tal-Intervisti u segwa l-intervista tagħha. Huwa qal ukoll, li dieħla għal biċċa xogħol iebsa u se tkun qed tieħu ż-żarbun ta' persuna li ra l-Kunsill jitwieled u jikber peress li kien ilu fil-Kunsill aktar minn tletin sena. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan tista' tużah bħala vantaġġ u żgur se tgħinha wkoll l-esperjenza tagħha ta' aktar minn sebgħa u għoxrin sena fil-Kunsill. Huwa qal ukoll biex ma taqtax qalbha u persważ li hija ser tkun qed tieħu dan l-irwol b'serjetà u responsabilità.

Is-Sindku G. Micallef qal li hija ser ikollha l-backing tal-Kunsill kollu u ċertament li jixtaqilha wara s-snin kollha li ilha taħdem mal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li kull sfida hija opportunità u warajha hemm tim tajjeb.

Ms M. Gambin irringrazzjat lill-membri tal-Kunsill u qalet li għalkemm ilha numru ta' snin taħdem mal-Kunsill, l-irwol tas-Segretarju Eżekuttiv huwa xi ħaġa ġdida għaliha u ċertament li bdiet tiltaqa' ma' affarijiet u sfidi ġodda. Hija qalet ukoll li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali nediet sensiela ta' taħriġ għal dawk il-persuni li se jkunu qed jokkupaw dan l-irwol u dan it-taħriġ huwa bżonnjuż u ta' benefiċċju.

Il-Kunsilliera C. Castillo ġibdet l-attenzjoni li issa l-Kunsill jista' jagħmel sejħa biex jimtela' l-post vakanti ta' Ms M. Gambin.

Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill irid jieħu ħsieb ukoll jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku G. Micallef kien tal-fehma li l-Kunsill jiċċekkja mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-ingaġġ ta' Clerical Officer in Scale 15 u l-ħatra ta' Deputat Segretarju E.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ġbir tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)

2.1.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li Identità Malta permezz ta' servizz.gov laqgħet it-talba tal-Kunsill u estendiet il-ġranet u l-ħinijiet tal-ġbir tal-Karta tal-Identità mill-uffiċċju tal-Kunsill.

2.1.3. Fil-fatt, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-ġbir tal-Karta tal-Identità jista' jsir mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-4.30pm filwaqt li l-kumplament tas-servizzi mogħtija mis-servizz.gov hub ser jibqgħu jingħataw kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa bejn it-8.00am u s-1.00pm..

2.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Korsijiet tal-Kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1/9 Vol VI)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-kumpanija TCTC Ltd aċċettaw li l-leżżjonijiet tal-kompjuter tat-tfal li ser isiru matul is-sajf 2025, jingħataw fil-meeting room. Fil-fatt nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2025, rappreżentanta minn TCTC Ltd żaret l-uffiċċju tal-Kunsill u l-meeting room, u kien hemm qbil li l-meeting room tiġi armata b'sitt jew tmien kompjuters u l-lezzjonijiet isiru fiha.

2.2.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li wara li l-Kunsill ħareġ l-avviż fuq il-midja soċjali dwar dawn il-korsijiet għat-tfal, kien hemm rispons tajjeb ħafna li saħansitra hemm tfal fuq il-waiting list. Hija qalet ukoll li l-Kunsill ser jitlob lil TCTC Ltd sabiex possibiliment ikun hemm numru ta' lezzjonijiet li jsiru wara nofsinhar għal benefiċċju ta' dawk it-tfal li filgħodu jattendu Skola Sajf.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1 Arranġamenti tat-Traffiku fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XVIII)**

2.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara talba li l-Kunsill għamel lil Transport Malta, sabiex terġa' tibda tiġi implimentata s-sistema ta' tidal lane fi Triq il-Marfa fi tmiem il-ġimgħa, sabiex jiġu evitati konġestjonijiet tat-traffiku speċjalment bil-queues għal min ikun irid jaqsam lejn Għawdex, din is-sistema issa daħlet fis-seħħ. Dan seħħ wara intervent li għamel anke is-Sur Michael Cohen u saret prova ta' darba li ħadmet.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir għada t-Tlieta 29 ta' Lulju 2025 fil-5.30pm.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Proġett Pilota - Servizz tal-Vann tal-BCRS għall-anzjani li għandhom 'l fuq minn 60 il-sena u għad-detenturi tal-Blue Badge. (K/16)**

2.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa għamel kuntatt mas-Sur Glenn Beddingfield – is-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika dwar is-servizz li qed jingħata lill-anzjani u l-persuni bi bżonnijiet speċjali fejn vann imur għand dawn il-persuni u jiġbor il-fliexken tal-plastik li huma jkollhom sabiex jittieħdu l-faċilitajiet tal-BCRS. Dan sabiex possibiliment il-lokalità tal-Mellieħa tiġi nkluża wkoll f'dan is-servizz.

2.5.3. Is-Sindku qal li s-Sur G. Beddingfield infurmah li dan għadu proġett pilota u fil-fatt qed jieħdu sehem fih għoxrin lokalità biss bħalissa iżda aċċertah li appena jkun possibbli, il-lokalità tal-Mellieħa se tiġi nkluża wkoll.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill tat-Tfal se jiltaqa' fil-5 ta' Awwissu 2025 fl-4.30pm.

2.6.3. Hija ssuġġerita li fl-attivitajiet bħall-Iljieli Melleħin u l-Milied Mellieħi, il-Kunsill jibda jinvolvi aktar il-Kunsill tat-Tfal.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet illi d-dati li jmiss meta l-unit għall-għoti tad-demm se tagħmel fil-Mellieħa huma l-21 ta' Settembru 2025 u t-28 ta' Diċembru 2025.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill ħareġ is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-iddisinjar u l-istampar tal-pubblikazzjoni tal-kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia u l-aktar sejħa vantaġġjuża kienet ta' Outlook Coop.

2.8.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet ukoll li l-awtur is-Sur David Muscat qed jaħdem fuq l-ewwel abbozz tal-pubblikazzjoni sabiex ikun jista' jgħaddih lill-istamperija Outlook Coop, li min-naħa tagħhom ikunu jistgħu jibdew jaħdmu fuq din il-pubblikazzjoniB.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Kors fl-Ewwel Għajnuna (E/3/1/Vol III )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-ewwel kors fl-Ewwel Għajnuna li sar fil-5 u fit-12 ta' Lulju 2025 fl-uffiċċju tal-Kunsill, kien suċċess tant li l-Kunsill jista' jikkunsidra jorganizza dan il-kors kull tliet xhur minħabba d-domanda li hemm għalih.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Sejħa għall-Offerti Nru 2/2025 – It-Tindif, iż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Ġonna u Soft Areas (K/6/3/Vol V)**

2.10.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-membri tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni (TEC) fi ħdan il-Kunsill, li attendew għal-laqgħa li ssejħet b'short notice nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2025.

2.10.3. Huwa rrefera għar-rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni li tqassam lill-membri tal-Kunsill u għarraf lill-membri preżenti, li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ltaqa' sabiex tkompli l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti numru 2/2025 għat-Tindif, iż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi u Soft Area fil-lokalità tal-Mellieħa.

2.10.4. Is-Sindku qal li l-evalwazzjoni bdiet f'laqgħa li saret madwar ħmistax-il ġurnata ilu, fejn il-Kumitat ta' Evalwazzjoni beda jevalwa l-parti amministrattiva u dik teknika tat-tliet sottomissjonijiet li saru. Fil-fatt saru sottomissjonijiet minn:

(i) Callus Garden Centre;

(ii) Mark Taliana Gardening;

(iii) Valley Greenscapes.

2.10.5. Is-Sindku G. Micallef għarraf ukoll li wara l-ewwel laqgħa ta' evalwazzjoni, intbagħtu rectification letters lit-tliet bidders peress li kien hemm informazzjoni nieqsa fis-sottomissjonijiet rispettivi.

2.10.6. Matul it-tieni laqgħa t'evalwazzjoni, saret evalwazzjoni tat-tweġibiet u tar-risposti mogħtija u s-sottomissjoni ta' Valley Greenscapes waqgħet peress li l-bidder ma ssottomettiex l-informazzjoni mitluba u għaldaqstant is-sottomissjoni kienet non-compliant. Fir-rigward taż-żewġ bidders l-oħra, dawn issodisfaw il-kriterji kollha u pprovdew id-dokumentazzjoni kollha mitluba għaldaqstant iż-żewġ sottomissjonijiet kienu fully-compliant f'dan l-istadju. Madanakollu, il-Bord ta' Evalwazzjoni qabel li jirrakkomanda lil Mark Taliana Gardening peress li din l-offerta kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

2.10.7. Is-Sindku għarraf li bħalissa jidħol fis-seħħ iż-żmien fejn il-bidders jistgħu jappellaw għal din id-deċiżjoni u wara l-għaxart ijiem, jekk ma jkunx hemm appelli l-Kunsill ikun jista' jipproċedi.

2.10.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Sejħa għall-Offerti Nru 3/2024 – Installazzjoni ta' CCTV Cameras f'Erba' Entraturi tal-Mellieħa (C/9)**

2.11.2. Is-Sindku għamel referenza wkoll għas-sejħa msemmija u għarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ser jagħmel evalwazzjoni ta' din is-sejħa peress li jidher li din ma kinitx saret.

2.11.3. F'dan il-każ, is-Sindku qal li peress li għaddew disgħin ġurnata u l-evalwazzjoni ma bdietx, it-tliet bidders li kienu għamlu sottomissjoni, iridu jikkonfermaw li s-sottomissjoni tagħhom għadha valida. Jekk kulħadd jikkonferma fl-affermattiv, l-evalwazzjoni tkun tista' tibda, jekk le, is-sejħa taqa' u jkun hemm il-ħtieġa li s-sejħa ssir mill-ġdid.

2.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Tindif ta' Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)**

2.12.2. Saret referenza għal-laqgħa online li saret mad-Direttur Ġenerali s-Sur Ramon Deguara u l-Assistant Direttur s-Sur Duncan Hall, tal-Cleansing and Maintenance Division dwar is-servizz ta' tindif ta' toroq urbani fejn ġew identifikati xi nuqqasijiet li żviluppaw f'dawn l-aħħar xhur.

2.12.3. Is-Sindku qal li waħda mir-raġunijiet kienet, li kemm-il darba ħaddiem jirraporta fuq sick leave jew vacational leave, huwa ma kienx qed jiġi replaced u għaldaqstant kienu qed ikunu bil-ħaddiema neqsin. Raġuni oħra hija li min imexxi l-ħaddiema, jista' jkun li m'għandux il-ħiliet neċessarji biex jagħmel dan. Madanakollu, indafa qed ikun hemm fit-toroq. Barra minn hekk, bBħalissa qegħdin full compliment fejn jidħlu ħaddiema u għaldaqstant il-Kunsill jista' jippubblika l-iskeda għall-benefiċċju tar-residenti.

2.12.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrimarka li ċertu toroq qed jinqabżu żgur, u dan qed jiġri għax is-supervisor m'għandux il-ħiliet neċessarji biex imexxi l-ħaddiema tiegħu. Huwa qal li kemm-il darba s-supervisor jinbidel, is-sitwazzjoni tinbidel. Huwa xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex jagħmel osservazzjoni dwar il-ħaddiema li jagħmlu l-ħasil tat-toroq għax qal li dawn jagħmlu xogħol tajjeb ħafna.

2.12.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jekk il-ħaddiema mhux qed jimxu mal-iskeda, ħa tkun problema. Huwa ta eżempju b'Qasam ta' Pennellu fejn qabel kien ikun hemm ħaddiem b'mod regolari jdur dawk l-akkwati, u bħalissa le. Huwa qal li l-Kunsill irid jammetti li l-ħaddiema mhux qed jimxu mal-iskeda, u dan mhux sewwa meta wieħed iqis li l-ammont ta' flus li l-Kunsill ikkommetta li jħallas għal dan l-MOU. Huwa żied jgħid li t-ticketing system għandha tispiċċa.

2.12.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li kemm-il darba l-ħaddiema jitilqu mir-rotta sabiex inaddfu t-toroq li jintalbu jmorru jnaddfu, dik ir-rotta tinqabeż b'ġimgħa biex terġa' ssir.

2.12.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-iskeda preċedenti ġiet riveduta sabiex tikkumplimenta l-għaxar ħaddiema allokati għall-Mellieħa.

2.12.8. Is-Sindku G. Micallef qal li l-problema hija l-konsistenza iżda din il-problema qal, teżisti anke fil-privat u għalhekk li ħafna Kunsilli Lokali qed jissieħbu mas-CMD. Huwa qal ukoll li jaqbel li jekk jimxu mat-ticketing system, il-prinċipju kollu jinkiser.

2.12.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Xogħol Infrastrutturali fi Triq il-Fortizza ta' Campbell f'Selmun (W/2/Vol IV)**

3.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Fortizza ta' Campbell tlestew u jekk hemm xi osservazzjonijiet, importanti li dawn isiru bħalissa sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddihom lill-Infrastructure Malta.

3.1.3. Fir-rigward ta' Triq Għajn Ħadid, is-Sindku qal li l-kuntrattur ġie inkarigat ineħħi l-materjal li hemm fit-triq u jpoġġi boulders sabiex jingħalaq l-aċċess.

3.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa jaqbel li t-triq ma tkunx aċċessibbli.

3.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1 Tragitt ta' vetturi kbar f'Dawret it-Tunnara u fix-Xatt ta' Santa Marija (T/3/2/Vol XVIII)**

3.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-2 ta' Lulju 2025, il-Kunsill irċieva komunikat mingħand il-Perit Antoinette Conti – Transport Malta dwar ir-restrizzjoni ta' aċċess diġà implimentata f'parti minn Dawret it-Tunnara u l-possibilità li din ir-restrizzjoni tiġi estiża għall-parti oħra fl-istess inħawi, minħabba l-

problema fis-soqfa tal-boathouses li hemm taħt dawn it-toroq. Hawnhekk saret referenza għal rapport li l-Awtorità tal-Artijiet kienet għamlet f'dan ir-rigward.

3.2.3. Is-Sindku G. Micallef qal li minn rapporti li saru mill-Pulizija lill-entitajiet konċernati, irriżultat fil-fatt li l-istess problema li teżisti f'parti minn Dawret it-Tunnara fejn għandek boathouses li għandhom problema fis-soqfa, boathouses li qegħdin fix-Xatt ta' Santa Marija għandhom l-istess problema. Fil-fatt, il-Perit A. Conti bagħtet komunikat lill-Kunsill sabiex tassigura ruħha, li t-tabelli li jipprojbixxu 'heavy vehicles' awtorizzati minn Transport Malta s-sena l-oħra għal parti minn Dawret it-Tunnara, kienu twaħħlu.

3.2.4. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill ikkonferma li kien waħħal dawn it-tabelli u qal li fuq struzzjonijiet ta' Transport Malta, huwa kiteb lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiġi ngaġġat Perit li jiġi fuq il-post u jagħmel rapport dettaljat tas-sitwazzjoni tas-soqfa tal-boathouses din id-darba ta' dawk li jinsabu fix-Xatt ta' Santa Marija. Huwa qal ukoll li skond Transport Malta, is-sitwazzjoni hija kritika u hemm il-possibilità li t-triq tingħalaq kompletament.

3.2.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li madanakollu, kull min għandu garaxx għandu jkollu aċċess għalih.

3.2.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-aċċess jista' jitħalla għar-residenti u għas-sidien tal-garaxxijiet biss. Huwa aċċenna wkoll għall-periklu li jeżisti fil-pontijiet li hemm f'Santa Maria Estate partikularment dak ta' Ix-Xatt ta' Santa Marija, minħabba l-ħsarat infrastrutturali li ġarrab.

3.2.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat kienu saru tentattivi minn Infrastructure Malta biex jagħmlu resurfacing tat-triq iżda baqgħu lura peress li kienu jibżgħu mill-ilmijiet tax-xita.

3.2.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jibqa' jsegwi l-iżviluppi.

### 3.3.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)

3.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva komunikat dwar kick-off meeting li Project Green qed torganizza b'rabta mal-proġett ta' ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel. Huwa qal li dan il-meeting ser isir fis-6 ta' Awwissu 2025 iżda hu sfortunatament dakinhar ħa jkun imsiefer.

3.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ħa jattendi għal dan il-meeting minflok is-Sindku u s-Sur J. Buttigieg qal li huwa ħa jattendi wkoll.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.4.1. Inizjattiva Community Profiling tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/16)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa flimkien mas-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa online mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana s-Sur Bjorn Bonello, dwar l-inizjattiva 'Community Profiling' tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana.

3.4.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li s-Sur Bjorn Bonello kkonferma li l-istudju li ser jagħmlu bħala Reġjun mhux ser jidħol daqshekk fid-dettal u mhux se jkun daqshekk speċifiku bħal dak propost mill-Kunsill tal-Mellieħa. Għaldaqstant, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill imexxi bl-istudju tiegħu dwar l-identità tal-Mellieħa.

3.4.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ispiża biex isir l-istudju hekk kif propost minn Culture Venture hija ta' €4,750 u l-Kunsill ma kellux fondi vvutati fil-budget għalih. Madanakollu, ħa ssir variance fil-budget biex dan l-istudju jkun jista' jsir.

3.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv intalbet tibda l-proċess.

## 3.5.1. Kxif ta' Lapida Kommemorattiva fil-Park tal-Majjistral (I/1/Vol X)

3.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Sur Peter Calleja, il-President ta' Din l-Art Ħelwa għal-laqgħa qasira li matulha sar il-kxif ta' lapida kommemorattiva li tagħti ġieħ lill-fundatur tal-organizazzjoni l-mibki l-Imħallef Maurice Caruana Curran. Din il-laqgħa simbolika saret fid-19/07/2025 bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet f'għeluq is-sittin sena anniversarju mit-twaqqif ta' Din l-Art Ħelwa. Is-Sindku rringrazzja lill-membri tal-Kunsill li setgħu jkunu preżenti.

3.5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ħa din l-okkażjoni sabiex ipoġġi fuq il-mejda tal-Kunsill, l-Agenda u l-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-Bord tal-Majjistral u talab li jiċċara xi punti fuq l-attività li saret fid-19 ta' Lulju 2025 fil-Park tal-Majjistral minn Din l-Art Ħelwa. Fil-fatt, huwa qal li bi żvista ċ-Chairperson tal-Bord tal-Majjistral s-Sur Saviour Vella u l-membri tal-Bord tal-Majjistral ma ġewx mistieden u Din l-Art Ħelwa skużaw ruħhom għal dan in-nuqqas. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li f'Settembru, il-Bord tal-Majjistral mistenni jsejjaħ laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-kamra li l-Kunsill għandu f'dan il-park.

3.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.6.1 Taraġ il-Landiera (T/4/4/Vol IV)

3.6.2 Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Perit Joseph Galea minn Infrastructure Malta kien għamel id-disinn ta' Taraġ il-Landiera u Infrastructure Malta kienet għamlet is-sejħa għall-offerti biex isiru dawn ix-xogħlijiet u anke ingħata l-kuntratt. Madanakollu, sfortunatament ix-xogħlijiet baqgħu ma sarux.

3.6.3. Huwa qal li ħa jagħmel kuntatt ma' Infrastructure Malta sabiex possibiliment dawn ix-xogħlijiet jinbdew.

## 3.7.1. Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)

3.7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li għada 29 ta' Lulju 2025 fis-6.30pm ser issir laqgħa mal-Inġinier u s-Sur Peter Cutajar minn Light Design Solutions dwar il-proġett ta' floodlighting madwar il-Knisja tal-Manikata.

3.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.8.1. Il-Ġbir tal-Iskart fil-Mellieħa (K/6/2/Vol VI)

3.8.2. Dwar din il-materja, is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana għadda rapport dettaljat ħafna fuq is-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart fir-Reġjun Tramuntana lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Dan ir-rapport ħareġ 'il ħafna nuqqasijiet li hemm f'dan is-servizz. Madanakollu, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali qed twaqqaf lill-Kunsill Reġjonali Tramuntana milli toħroġ id-default notices lill-kuntrattur għal dawn in-nuqqasijiet. B'rabta ma' dan, il-Kunsill Reġjonali Tramuntana qed jipprepara stqarrija għall-istampa f'dan ir-rigward.

3.8.3. Is-Sindku kompla billi qal li sfortunatament is-sistema tal-iskart mhix taħdem u għamel xi osservazzjonijiet fosthom:

(i) Nuqqas ta' scammels – fil-Mellieħa l-kuntrattur qed jaħdem b'żewġ scammels biss meta suppost qed jaħdem b'ħamsa; u

(ii) Nhar ta' Ħamis, fl-unika ġurnata fil-ġimgħa meta jinġabar l-iskart riċiklabbli, meta jimtela' l-ewwel scammel, dan ikollu bżonn imur ibattlu iżda jkollu joqgħod jistenna wara l-kju ta' scammels li jkun hemm il-Magħtab u għaldaqstant dan huwa r-riżultat tad-dewmien li qed ikun hemm kull nhar ta' Ħamis;

(iii) il-likwidi u t-tagħsir mill-iscammels li huma problema kbira.

3.8.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li sfortunatament l-attitudni tal-persuna ma nbiddlitx. Huwa qal ukoll li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana m'għandhiex l-awtorità sabiex toħroġ multi.

3.8.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li sfortunatament it-tagħsir qed isir f'diversi toroq tant li f'ħafna toroq qed jinxtammu rwejjaħ xejn pjaċevoli partikularment fil-pjazza tal-Mellieħa.

3.8.6. Is-Sindku għarraf ukoll li avviċinawh żewġ uffiċjali tal-ERA li għarrfuh li dan il-kuntrattur għandhu tliet scammels li mhumiex reġistrati mal-ERA u anke hemm minnhom bla liċenzja tat-triq imħallsa.

3.8.7. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għamel referenza għar-rapport kumpilat mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana u qal li fejn tidħol il-lokalità tal-Mellieħa, il-kuntrattur għandu madwar €300,000 fi spejjeż dovuti lill-Kunsill Lokali għan-nuqqasijiet kollha osservati fis-servizz bħal pereżempju meta tinqabeż il-ġabra tal-borża tal-iskart minn triq partikolari. Dan kollu huwa stipulat fil-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart.

3.8.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.9.1. Inizjattiva 'Explore Malta Underwater Heritage' (A/5/3/Vol XVI)

3.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fid-19 u fl-20 ta' Lulju 2025, il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' Heritage Malta ospita Underwater Heritage Kiosk f'Misraħ il-Parroċċa għall-benefiċċju ta' dawk li jinteressahom jesploraw il-wirt storiku Malti li jeżisti taħt il-baħar.

3.9.3 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil Heritage Malta ta' din l-inizjattiva u qal li l-konkorrenza kienet waħda tajba.

3.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.10.1. Xogħlijiet f'Taraġ il-Pellegrini mill-Korporazzjoni Enemalta (T/4/2/Vol XXVI)

3.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħlijiet t'emerġenza li saru mill-Korporazzjoni Enemalta f'Taraġ il-Pellegrini tlestew u jonqos biss li jsir l-asfalt.

3.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.11.1. Inizjattiva 'Reusable Cups' għal matul il-ġranet tal-Festa tal-Vitorja (A/4/5/Vol V)

3.11.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-inizjattiva 'reusable cups' li l-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri kien issuġġerixxa fis-seduta preċedenti, u qal li l-Kunsill għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward. Huwa qal li l-iktar offerta vantaġġjuża kienet li l-Kunsill jixtri erbat elef reusable cup għall-prezz ta' €1,800.

3.11.3. Is-Sindku qal li l-ħsieb tiegħu apparti l-impatt ambjentali huwa li matul il-ġranet tal-festa tal-Vitorja, dawn it-tazzi l-Kunsill ibigħhom lill-istabbilimenti kummerċjali u l-flus li jinġabru jmorru għal kawża ġusta bħal Puttinu Cares jew il-Malta Community Chest Fund.

3.11.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill kien ħareġ b'inizjattiva simili xi snin ilu u ssuġġerit li l-Kunsill joħloq sistema ta' kif din tista' taħdem. Hija qalet ukoll li min ħa jagħti donazzjoni għal tazza, din il-persuna mhux ħa toqgħod tibdilha, li fl-aħħar mill-aħħar dak hu l-għan tagħha.

3.11.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li din is-sistema diġa' qed taħdem f'ħafna postijiet.

3.11.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kieku tkun ħaġa tajba jekk issir tnedija ta' din l-inizjattiva u possibiliment dawn it-tazzi jinbiegħu fl-attivitajiet tal-festa bħal barbecues, ikliet u kunċerti mużikali.

3.11.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li xi snin ilu, il-Kunsill kien ipparteċipa f'inizjattiva organizzata minn Żibel Malta fejn f'xibka u kontenitur apposta, intefgħu l-fliexken tal-plastik.

3.11.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u l-membri tal-Kunsill qablu li jgħaddu l-proposti tagħhom.

**3.12.1. Stedina mis-Sindku ta' Adenau (K/1/5/1/Vol III)**

3.12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li l-Kunsill irċieva imejl mingħand is-Sur Frank Wisniewski, is-Sindku ta' Adenau fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fit-Town Festival li ser ikun qed isir f'Adenau bejn id-29 ta' Awwissu u t-3 ta' Settembru 2025.

3.12.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għalkemm ser jitlef mill-attivitajiet tal-festa, ħa jitla' hu Adenau anke sabiex jerġgħu jibdew il-kuntatti speċjalment peress li hemm Sindku ġdid.

3.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.13.1. Tabelli 'This is Not A Dog Friendly Beach' matul Dawret it-Tunnara (X/1/1/Vol III)**

3.13.2. Il-Kunsilliera C. Castillo talbet li wara li l-Kunsill introduċa numru ta' tabelli li jindikaw li ż-żoni tal-għawm matul Dawret it-Tunnara mhumiex 'Dog Friendly Beaches', għandu jsir patrolling ta' dawn l-inħawi mill-Environmental Rangers biex jaraw li dawn it-tabelli qed jiġu rrispettati.

3.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Ittra ta' Riżenja ta' Ms Rosalina Mifsud;
- Agenda tal-Laqgħa tal-Bord tal-Majjistral – 28/07/2025;
- Minuti tal-Laqgħa tal-Bord tal-Majjistral – 04/02/2025;
- Tender Evaluation Committee Evaluation Report - MLC 02/2025: Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Mellieħa ;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 25/07/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/06/2025 – 26/07/2025;
- Skeda ta' Petty Cash – 13/06/2025 – 01/07/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)**

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa talab lill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada sabiex issir laqgħa fuq l-iskola l-ġdida fil-Park tal-Familja, l-arranġamenti tat-traffiku li ser jidħlu fis-seħħ viċin il-Park tal-Familja u anke mar-residenti ta' fejn ser ikun qed isir it-twaqqiegħ tal-iskola.

5.1.3. Is-Sindku G. Micallef li huwa ġie mgħarraf mill-Kap tal-Iskola li l-entratura tat-tfal ser tkun fi Triq Ġuże' Flores u ċertament li hemmhekk ser toħloq problema.

5.1.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri u l-Kunsillier E. Bartolo t-tnejn qablu li hemmhekk ser tkun qed toħloq problema anke peress li l-Kunsill qed jaħdem sabiex jintroduċi arranġamenti tat-traffiku ġodda għal din iż-żona.

5.1.5. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għadu ma jafx meta ħa jibda x-xogħol fuq il-hoarding li ħa jitpoġġa madwar l-iskola.

5.1.6. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni wkoll dwar kif ħa ssir ir-rijallokazzjoni tal-librerija pubblika peress li l-librar għad m'għandux informazzjoni dwar dan.

5.1.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li ssir laqgħa anke possibiliment pubblika biex kulħadd ikun infurmat bl-iżviluppi li ser ikun hemm.

### 5.2.1. Self Cleaning Public Convenience fil-Promenade tal-Għadira (L/3/Vol III)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-17 ta' Lulju 2025, huwa kellu kuntatt ma' Ms Eleanor Ciantar – Manager, Cleansing & Maintenance Division dwar l-installazzjoni ta' Self Cleaning Public Convenience fil-Promenade tal-Għadira.

5.2.3. Is-Sindku qal li fil-post fejn ser issir is-Self Cleaning Public Convenience hemm is-servizzi kollha lesti peress li kienu saru meta sar ix-xogħol ta' titjib tal-promenade tal-Għadira, u peress li dak iż-żmien kien hemm diġa' il-ħsieb li ssir is-Self Cleaning Public Convenience. Fil-fatt, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tat l-approvazzjoni tagħha f'dan ir-rigward.

5.2.4. Huwa qal ukoll li s-CMD ser ikunu qed jintroduċu s-Self Cleaning Public Conveniences f'lokalitajiet oħra u fil-fatt qed jikkunsidraw li jintroduċu waħda fir-Ramla tal-Mixquqa wkoll. Bħalissa qegħdin jaħdmu fuq concession agreement għall-installazzjoni u ż-żamma tagħhom.

5.2.5. Min-naħa tal-Kunsill, is-Sindku qal li ressaq il-proposta u l-ħsieb tal-Kunsill li jintroduċi Self Cleaning Public Convenience fi Triq l-Għoljiet u l-posssibilità li din issir flimkien mas-CMD u għaldaqstant f'dan il-każ, il-Kunsill ikun jista' japplika biex dan il-proġett isir permezz tad-Development Planning Fund u l-proġett ikun 100% iffinanzjat minn dan il-fond.

5.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef qal li fir-rigward tax-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Ta' Masrija, bħalissa bdew jinbidlu l-bankini. Huwa qal li l-kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħlijiet huwa mill-Mellieħa u għaldaqstant huwa aktar faċli tikkomunika miegħu.

5.3.3. Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li sal-aħħar ta' Awwissu 2025, jingħata l-ewwel saff ta' asfalt. Huwa qal li jifhem il-frustrazzjoni tar-residenti u l-Kunsill dejjem kien hemm biex jismagħhom u jgħaddi l-ilmenti tagħhom lill-kuntrattur sabiex jiġu indirizzati anke biex it-triq tinħasel mit-trabijiet.

5.3.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li minħabba l-ammont ta' trabijiet, ir-residenti qed jitolbu li t-triq tinħasel kuljum.

5.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li t-triq tinħasel kull nhar ta' Ġimgħa, fi tmiem il-ġimgħa u ssuġġerixxa wkoll li qabel mal-kuntrattur jieqaf għax-shutdown tas-sajf, importanti li jnaddaf u jaħsel it-triq.

5.3.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li importanti li t-triq tinħasel għax anke ir-residenti japprezzaw li l-frustrazzjoni tagħhom qed tittieħed in kunsiderazzjoni.

5.3.7. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni biex informa lill-membri preżenti li x-xogħol infrastrutturali propost fi Triq il-Fuħħar qiegħed 'implementation stage' u għaldaqstant ser jibda dalwaqt.

5.3.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Xogħlijiet Infrastrutturali minn Infrastructure Malta fi Triq il-Biedja (T/4/4/Vol IV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien miftiehem, wara li Infrastructure Malta lestew ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq Għajn Tuffieħa, beda u tlesta x-xogħol infrastrutturali li kien għad fadal isir fi Triq il-Biedja.

5.4.3. Is-Sindku rringrazzja lill-Infrastructure Malta għax-xogħol kollu mwettaq f'dawn l-inħawi.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Programm Televiżiv Ġdid fuq TVM (M/3/Vol III)**

5.5.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl data 10 ta' Lulju 2025 mingħand Public Broadcasting Services Ltd dwar programm televiżiv ġdid li ser jibda jixxandar kull nhar ta' Ħadd fuq TVM bejn Ottubru 2025 u Ġunju 2026.

5.5.3. Is-Sindku qal li huwa flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attendew online meeting mal-producer ta' dan il-programm Ms Angie Laus, fejn ġew mgħarrfin li dan il-programm televiżiv ser jibda jkun imxandar minn lokalità differenti kull nhar ta' Ħadd. .

5.5.4. Huwa qal ukoll li l-għan ta' dan il-programm huwa li jkun okkażjoni li jagħti valur lill-komunità, ser jiġu mistiedna mistiedna speċjali, tiġi ċċelebrata il-quddiesa, jittellgħu features kulturali u storiċi, kif ukoll ser jinkludi elementi ta' spettaklu u divertiment relatati mal-lokalità..

5.5.5. Bħala Kunsill, is-Sindku qal li ippropona li l-programm isir jew dakinhar tal-Festa tal-Qara' fil-Manikata jew waqt il-Milied Mellieħi peress li diġa' jkollok diversi attivitajiet għaddejjin u t-tim tal-produzzjoni għażel il-Milied Mellieħi. Aktar tagħrif dwar il-loġistika, eċċ ser jingħataw lill-Kunsill aktar 'il quddiem.

5.5.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1 Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (Lifelong Learning) (E/3/1/Vol III)**

5.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li bil-kollaborazzjoni tad-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbilità, f'Ottubru li ġej fl-uffiċċju tal-Kunsill ser ikun qed isir kors tal-Bizzilla taċ-Ċombini.

5.6.3. Hija qalet ukoll li bħalissa l-applikazzjonijiet huma miftuħin u kull min hu interessat li japplika għal xi kors jista' jirreġistra fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1 L-Inizjattiva 'Vjal Kulħadd' (T/3/6)**

5.7.2 Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-inizjattiva 'Vjal Kulħadd' u għarraf li l-Kunsill irċieva l-ftehim fir-rigward tal-proġett ta' Triq Selmun.

5.7.3. Is-Sindku qal li f'dan il-ftehim hemm stipulat li jkun hemm żmien ta' konsultazzjoni mar-residenti, il-proġett irid jitlesta sal-aħħar tas-sena u wara li l-proġett jitlesta dan jgħaddi f'idejn il-Kunsill li ser jintrabat li jkollu r-responsabilità tal-manutenzjoni u ż-żamma tiegħu għal għaxar snin.

5.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Stargazing Event organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija (A/5/3/Vol XXIV)**

5.8.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li nhar il-Ħadd 17 ta' Awwissu 2025 fis-7.30pm f'Campsite No. 3 fl-Aħrax tal-Mellieħa, il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija ser jorganizza 'Stargazing Event' għat-tfal.

5.8.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Għaqda Maltija tal-Astronomija ser torganizza diskussjoni u t-tfal ser ikollhom l-opportunità jaraw l-ispazju.

5.8.4. Huwa qal ukoll li l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-poster u l-promozzjoni tal-attività.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)

5.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li hija flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri tkellmu mas-Sur Paul Schembri li huwa l-fundatur u l-kordinatur ta' Chess Buddies Malta u kien hemm qbil li ċ-chess tournament għat-tfal isir fit-30 ta' Awissu 2025 bejn l-10.30am u n-12.30pm fis-sala Joseph Borg.

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Chess Tournament organizzat mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/15)

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana flimkien mas-Sur Noel Vella, Viċi President tal-Malta Chess Federation qed iniedu inizjattiva li jiġi organizzat chess tournament fi spazju pubbliku, li fih qed jimmiraw li jieħdu sehem bejn sittin u mitejn persuna inkluż persuni ġejjin mis-settur kummerċjali.

5.10.3. Is-Sindku qal li bħala spazju pubbliku ġiet identifikata l-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa u kemm-il darba dan it-tournament isir, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb biss il-promozzjoni tiegħu.

5.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.11.1 Installazzjoni ta' Bus Shelters (B/6/Vol V)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Perit Matthew Casha issottometta d-'Development Notification Orders' (DNO's) lill-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward tal-installazzjoni ta' numru ta' bus shelters ġodda f'diversi postijiet fil-Mellieħa.

5.11.3. Huwa qal ukoll li appena l-Awtorità tal-Ippjanar tapprova u toħroġ il-permessi neċessarji, dawn ikunu jistgħu jgħaddu għand FACES Ltd sabiex jibda l-proċess tal-installazzjoni.

5.11.4. Il-Kunsillier J. Cauchi xtaq jieħu din l-opporunità sabiex jistaqsi jekk il-Bus Shelter Adenau, jistax jimxi aktar 'l isfel peress li l-karozzi tal-linja qed ikunu ta' periklu għal min ħiereġ minn Triq Adenau.

5.11.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fil-passat saru tentattivi iżda hemm problema biex il-bus shelter jimxi 'l isfel.

5.11.6. Is-Sindku min-naħa tiegħu qal li issa hemm d-DNO's lesti.

5.11.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.12.1. Riċerka dwar kif it-Turiżmu jaffettwa l-Lokalità (P/3/5)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef qa li ġie avviċinat mis-Sinjura Anna Gauci mill-Mellieħa li għamlet riċerka dwar kif it-turiżmu jaffettwa l-lokalità tal-Mellieħa u li tixtieq li din ir-riċerka tiġi ppubblikata u endorsjata mill-Kunsill.

5.12.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li meta Ms Gauci għamlet din ir-riċerka, kienet għamlitlu intervista u ssuġġerixxa li l-Kunsill jiċċekkja jekk ċertu kontenut, illum il-ġurnata ġiet outdated.

5.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li ssir talba lil Ms Gauci sabiex tgħaddi draft tal-kontenut lill-Kunsill.

### 5.13.1. Permess PA 0487/25 fi Triq Ta' Masrija (P/5/8/M)

5.13.2. Saret referenza għall-ittra mibgħuta mis-Sinjura Antonia Abela residenta fi Triq Ta' Masrija, li uriet it-tħassib tagħha fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija. Din l-applikazzjoni saret sabiex l-applikant jagħmel 'change of use' tal-garaxx tiegħu sabiex ikun jista' jikri u jżomm quad bikes fih.

5.13.3. Ms Antonia Abela kitbet lill-Kunsill peress li tinsab mħassba dwar il-ħsejjes, id-duħħan u l-jerry cans bil-fuel li se jibda jkun hemm f'dan il-garaxx li jinsab proprju biswit ir-residenza tagħha.

5.13.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li peress li din hija kwistjoni privata u mhux pubblika, il-Kunsill m'għandux jidħol fiha. Il-Kunsill kien tal-fehma wkoll li għandu jiġi kkomunikat lil Ms A. Abela biex tkellem avukat min-naħa tagħha li jagħraf imexxiha u jagħtiha l-pariri legali neċessarji.

### 5.14.1 Barbecue b'risq Puttinu Cares f'Selmun (A/6/3/Vol X)

5.14.2. Saret referenza wkoll għal talba li saret mis-Sur Jayden Scicluna sabiex jorganizza barbecue b'risq Puttinu Cares viċin il-Palazz ta' Selmun. Id-data tal-attività ma ġietx ikkomunikata.

5.14.3. Matul din l-attività li ser tkun miftuħa għal kulħadd, ser jiġu armati stalls, ħa tiġi organizzata raffle u ser isir barbecue.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ma sab l-ebda oġġezzjoni li tiġi organizzata din l-attività sakemm ma jingħalqux toroq li jaffettwaw it-traffiku.

### 5.15.1. Skambji ta' Żjarat bejn il-Mellieħa u Cavriglia (K/1/5/3/Vol IV)

5.15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju 2025, ġiet fi tmiemha ż-żjara li d-delegazzjoni minn Cavriglia komposta minn sbatax-il student flimkien ma' tliet adulti għamlu fil-Mellieħa.

5.15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li din id-delegazzjoni kienet ospitata fil-kumpless tal-Mellieħa Sports Club u matul iż-żjara tagħhom dawn l-istudenti kellhom l-opportunità li jattendu għal numru ta' lezzjonijiet tal-Ingliż u anke jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill u postijiet ta' interess fil-Mellieħa, fl-Imdina u fil-Belt Valletta.

5.15.4. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li huwa rċieva xi kummenti mill-persuni adulti li kienu qed jakkumpanjaw lill-istudenti matul din iż-żjara dwar l-imġieba tagħhom, u jidher li kien hemm drabi fejn kienu indixxiplinati.

5.15.5. Is-Sindku G. Micallef ħa din l-okkażjoni sabiex jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill, lill-istaff u lill-għaqdiet u s-soċjetajiet lokali li laqgħu lil din id-delegazzjoni u tawhom merħba xierqa. Huwa qal li sa laqgħa oħra jiġi ppreżentat rendikont tal-ispejjeż li kien hemm involuti għal din iż-żjara.

5.15.6. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li bħala kunsillier responsabbli miż-żgħażagħ u l-integrazzjoni soċjali ħa gost jipparteċipa magħhom fl-attivitajiet li kellhom, u jieħu gost jekk f'attivitajiet simili futur jkun involut aktar.

5.15.7. Il-Kunsillier E. Bartolo tkellem ukoll dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Mellieħa se tagħmel f'Cavriglia bejn il-11 u s-17 ta' Settembru 2025 u għarraf li d-delegazzjoni se tkun komposta minn sbatax-il membru mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina flimkien mas-Sindku G. Micallef, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri u l-Kunsillier J. Cauchi.

5.15.8. Huwa qal ukoll li saru l-arranġamenti neċessarji dwar l-akkomodazzjoni, iżda jidher li kien hemm xi diffikultà fejn tidħol l-amalgamazzjoni tal-banda Taljana mal-orkestra peress li l-ħoss tal-banda huwa b'saħtu aktar. Madanakollu, instabet soluzzjoni li l-banda u l-orkestra jdoqqu silta kull wieħed u jalternaw.

5.15.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1 Laqgħa mal-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (K/3)

5.16.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk il-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin għamlux talba sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill.

5.16.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-President tal-Federazzjoni għandu jibgħat xi dati sabiex possibiliment din il-laqgħa ssir fil-bidu ta' Awwissu.

5.16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Plot Vojta fi Triq Ta' Masrija (P/5/2/Vol III)**

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-plot vojta li tinsab fi Triq Ta' Masrija u talab lill-Kunsill jikkunsidrax li jsir fence peress li s-sid tagħha qatt ma tella' l-boundary wall u din qed tispiċċa l-mira ta' ħafna abbużi relatati ma' rimi ta' skart fiha.

5.17.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dik il-plot wiesgħa madwar tliet plots u staqsa dwar jekk il-Kunsill jagħmel il-fence, kif ħa jiġbor lura l-ispejjeż li jkun għamel. Huwa qal ukoll li fil-Kunsill preċedenti, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar kienet għamlet talba sabiex is-sid itella' l-boundary wall kif suppost li jagħmel, iżda sfortunatament is-sid baqa' ma nstabx.

5.17.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li dak iż-żmien, is-Segretarju Eżekuttiv kien qal li l-Kunsill jibni l-ħajt imbagħad jiġbor l-ispejjeż.

5.17.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li dik tista' tkun soluzzjoni perikoluża u ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex possibiliment jiġi identifikat is-sid u jiġi ordnat itella' l-ħajt..

5.17.6. Is-Sindku G. Micallef staqsa imma jekk il-Kunsill ma jasalx, x'ser tkun it-triq 'il quddiem.

5.17.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jieħu azzjoni direttament hu, imbagħad ikollu jieħu azzjoni għall-plots vojta li għad fadal li mhumiex ftit.

5.17.8. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li l-Kunsill jibda billi jibgħat lill-Awtorità tal-Artijiet u l-Health Regulation Department u jista' anke jitlob parir legali lill-avukat tal-Kunsill.

5.17.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Parking fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVIII)**

5.18.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrimarka li l-parking li kien hemm fi Triq Snajjin tneħħa u minflok saret linja safra kontinwa.

5.18.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li sar eżerċiżżju fuq il-post fil-preżenza tal-Kunsillier E. Bartolo, il-kuntrattur responsabbli mill-marki u sinjali tat-toroq u sidien li għandhom garaxxijiet d'din it-triq u rriżulta li sfortunatament iż-żewġ parking slots li kien hemm matul Triq Snajjin kellhom jitneħħew peress li s-sidien tal-garaxxijiet ma setgħux jimmanuvraw biex jidħlu u joħorġu minn ġol-garaxxijiet tagħhom.

5.18.4. Madanakollu, hija ssuġġerit li l-Viċi Sindku jiltaqa' fuq il-post mal-kuntrattur tal-marki u sinjali tat-traffiku sabiex jekk tinstab xi alternattiva, il-Kunsill ikun jista' jimplimentaha.

5.18.5. Il-Kunsilliera C. Castillo ħadet din l-okkażjoni sabiex tistaqsi meta ser jiżżarma t-tower crane li hemm fl-istess triq u kemm-il darba jiżżarma, jistax il-Kunsill jalloka żewġ spazji tal-parkeġġ minnhom għas-sid tal-Boutique Hotel li hemm f'din it-triq.

5.18.6. Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill ikellem lill-kuntrattur konċernat sabiex possibiliment dan jiżżarma mill-aktar fis peress li qed jokkupa spazji tal-parkeġġ iżda ċertament li l-Kunsill ma jistax jalloka spazji ta' parkeġġ għal residenti jew mod ieħor.

5.18.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Introduzzjoni ta' Cat Cafes (A/9)

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet lill-Kunsill sabiex jibda jintroduċi l-cat cafes possibiliment fi tliet siti partikolari:

(i) fejn il-Headquarters tal-Mellieħa Scout Group;

(ii) wara ċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji; u

(iii) f'sit fil-Manikata.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil li l-Kunsill jintroduċi l-cat cafes li kienu l-aktar vantaġġjużi wara s-sejħa għall-kwotazzjonijiet.

### 5.20.1. Laqgħa dwar Support Helpline 179 (A/8)

5.20.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li hija flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attendiet għal-laqgħa li saret ma' rappreżentanta minn Support Helpline 179.

5.20.3. Il-Kunsillier L. Darmanin li l-għan ta' din il-laqgħa kien sabiex jinħoloq aktar għarfien fis-soċjetà dwar din il-helpline li topera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Għal dan il-għan saru suġġerimenti sabiex possibiliment isiru talks fil-komunità sabiex il-pubbliku in ġenerali ikun konxju ta' dan is-servizz u li jista' jagħmel użu minnu x'ħin irid. Huwa servizz mingħajr ħlas u l-pubbliku jingħata l-opportunità li jitkellem ma' xi ħadd fuq kwalunkwe problema li huwa jista' jkollu.

5.20.4. Ms L. Darmanin qalet ukoll li bħala Kunsill saret stedina sabiex possibiliment jieħdu sehem bi stand waqt l-Iljieli Melleħin iżda sfortunatament l-istedina saret ftit short notice.

5.20.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Sejbiet Arkeoloġiċi Importanti fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Latnija' (T/12/1)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għal-laqgħa pubblika li saret nhar is-Sibt, 28 ta' Ġunju 2025 li għaliha kien hemm attendenza tajba ħafna. Matul din il-laqgħa l-arkeoloġisti l-Prof. Eleonor Scerri u l-Prof. Nicholas Vella taw spjegazzjoni dettaljata fuq is-sejbiet arkeoloġiċi li nstabu f'Tal-Latnija u kif ser ikun qed jiżvolġi dan il-proġett. Ipparteċipa wkoll is-Sur Kevin Borda ċ-Chief Officer tas-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali.

5.21.3. Is-Sindku għarraf li s'issa ma kienx hemm aktar kuntatti iżda hemm il-ħsieb li matul ix-xahar ta' Awwissu jibda x-xogħol fuq il-produzzjoni.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.22.1. Sleeping Policemen matul Triq it-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVIII)

5.22.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li s-sleeping policemen li kien hemm matul Triq it-Torri l-Abjad inqalgħu iżda jeħtieġ li dawn jerġgħu jsiru minħabba s-sewqan eċċessiv li jkun hemm f'din it-triq.

5.22.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-triq li kienet ġiet resurfaced minn Infrastructure Malta għadha taħt garanzija u għaldaqstant il-Kunsill jista' jitlob lil Infrastructure Malta dwar l-isleeping policemen.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5/Vol XVII)**

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ewwelnett jixtieq jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill u l-istaff kollu tas-sehem u l-għajnuna tagħhom matul l-edizzjoni ta' din is-sena tal-Iljieli Melleħin. Huwa xtaq jirringrazzja wkoll lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għall-għajnuna finanzjarja li ngħatat lill-Kunsill b'risq din l-attività.

5.23.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jgħaddi suġġeriment dwar l-artisti li ħadu sehem fl-Iljieli Melleħin ta' din is-sena u qal li l-Kunsill jista' jaħseb sabiex joħloq avveniment speċifikament għall-artisti tant kemm kien hemm feedback tajjeb min-naħa tagħhom. Huwa żied jgħid li l-attrazzjonijiet tat-tfal kienu tajbin ħafna.

5.23.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fis-snin preċedenti, il-Kunsill kien jorganizza l-attività 'Arti fil-Misraħ' li l-għan tagħha kien proprju sabiex l-artisti Melleħin ikollhom l-opportunità fejn joħorġu t-talenti tagħhom fil-beraħ. Is-Sur K. Buttigieg qal ukoll li għall-ewwel kienet issir fil-ġonna pubbliċi imbagħad bdiet issir f'Misraħ iż-Żjara Ġwanni Pawlu II.

5.23.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li din l-attività tista' ssir f'żoni u postijiet differenti filwaqt li l-Kunsillier J. Buttigieg qal li biex tilħaq l-iskop tagħha, trid issir fil-Misraħ.

5.23.6. Il-Kunsillier E. Bartolo issuġġerixxa li peress li fl-aħħar tmiem il-ġimgħa ta' Lulju, l-Iljieli Melleħin qed jaħbtu ma' festi u avvenimenti oħra, il-Kunsill jista' jikkunsidra jew jantiċipa l-attività b'ġimgħa qabel jew inkella b'ġimgħa wara. Fil-fatt, huwa qal li kien anke diffiċli li l-Kunsill jissellef in-numru ta' barriers li kellu bżonn mingħand id-Dipartiment tal-Pulizija minħabba li ma kellhomx biżżejjed.

5.23.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li jkun aħjar jekk l-Iljieli Melleħin isiru ġimgħa qabel u l-Kunsilliera C. Castillo qalet li hija taqbel anke minħabba l-fatt li kull sena l-Iljieli Melleħin qed jaħbtu mal-Festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar.

5.23.8. Is-Sindku G. Micallef qal li wara li ssir il-Lejla Selmunija, tkun ħaġa tajba jekk il-Kunsill jagħmel post mortem anke bl-involviment tal-pubbliku in ġenerali, sabiex il-Kunsill jirċievi l-feedback tan-nies fuq l-Iljieli Melleġin b'mod ġenerali. Huwa qal li din tista' ssir billi l-Kunsill itella' post fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u jistieden lill-pubbliku iħalli l-feedback tiegħu fuq l-arranġamenti tat-traffiku, eċċ.

5.23.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li nnota li kien hemm waqtiet fejn għalkemm Triq il-Kbira kienet magħluqa minn fejn Triq Frangisk Zahra, numru ta' vetturi xorta baqgħu għaddejjin għal Triq Sant'Anna.

5.23.10. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-vetturi li tħallew jibqgħu għaddejjin, kienu dawk li ħadu sehem fil-wirja tal-vetturi u trakkijiet. Huwa xtaq iżid li għall-edizzjoni li jmiss meta tkun ħa tingħalaq Triq il-Kbira, tkun ħaġa tajba jekk f'toroq bħal Triq San Ġużepp minn fejn ikun ħa jiġi diverted it-traffiku, isiru directional signs biex ix-xufiera jkollhom indikazzjoni minn fejn iridu jgħaddu. Huwa żied jgħid li ż-żewġ esibizzjonijiet li ttellgħu fis-sede taż-żewġ każini tal-baned kienu sbieħ ħafna.

5.23.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jissuġġerixxi wkoll li peress li fi Triq Gorg Borg Olivier kien hemm konċentrazzjoni ta' nies, il-Kunsill għall-edizzjoni li jmiss għandu jikkunsidra li viċin il-palk ta' faċċata tal-Maritim Antonine Hotel & Spa jkun hemm first-aiders. Huwa qal li sfortunatament mara ħassha ħażin u l-ambulanza ħadet xi ftit ħin minn x'ħin telqet mill-pjazza sakemm waslet Triq Gorg Borg Olivier.

5.23.12. Il-Kunsillier J. Cauchi xtaq jagħmel suġġeriment biex f'attività ta' din ix-xorta possibiliment ikun hemm iktar inklussività u għaldaqstant qal li kieku l-attività kellha tkun live streamed, dawk l-anzjani li ma jkunux jistgħu joħorġu mid-djar tagħhom ikunu jistgħu jgawdu l-atmosfera xorta waħda billi jsegwu l-attività online. Huwa xtaq iżid ukoll li l-Kunsill jista' jipprovdi trasport adattat apposta għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex ikunu jistgħu jaslu sal-pjazez fejn tkun ħa ssir l-attività. Dan peress li jkun diffiċli ħafna biex wieħed isib jipparkja viċin.

5.23.13. Is-Sindku G, Micallef qal li din l-inizjattiva, il-Kunsill jista' jippruvaha fil-Festa tal-Vitorja.

5.23.14. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li fl-attivitajiet annwali tal-Kunsill fejn ikun hemm attrazzjonijiet diversi għat-tfal, il-Kunsill jitlob donazzjoni li tmur ġo fond apposta, sabiex imbagħad darba fis-sena dawn id-donazzjonijiet jingħataw għal kawża ġusta li jiddetermina l-Kunsill.

5.23.15. Dwar il-Lejla Selmunija, is-Sindku G. Micallef għarraf li s-Sur Stephen Cachia ipprepara l-kitbiet li ser jinqraw dakinhar li tlieta minnhom inkitbu mill-mibki missieru s-Sur Joseph F. Cachia. Huwa qal ukoll li qed isiru xi kuntatti dwar l-interventi mużikali peress li l-għannejja ma jistgħux jattendu u ġiet ikkonfermata l-parteċipazzjoni ta' Cittadella Folk Group u ta' Freddie Portelli. Is-Sur G. Micallef qal ukoll li armati ħa jkun hemm madwar għaxar imwejjed fosthom tal-Għaqda tal-Armar Marija Bambina u l-irziezet ser ikunu miftuħin u armati bis-sehem ta' Anakron fuq stil medjevali u bl-annimali.

5.23.16. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.24.1. Estensjoni tal-Impjant tad-Drenaġġ fl-inħawi taċ-Ċumnija, il-Qammieħ (D/1/Vol III)

5.24.2. Is-Sindku għarraf li l-bdiewa ltaqgħu mas-CEO tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar l-estensjoni tal-impjant tad-drenaġġ fl-inħawi taċ-Ċumnija fil-Qammieħ.

5.24.3. Huwa qal li l-bdiewa ħafna mill-punti fehmuhom, iżda xorta jħossu li l-art agrikola m'għandhiex tintmessx. Huwa qal li anke hu min-naħa tiegħu, dan kien mill-ewwel il-ħsieb tiegħu. B'rabta ma' dan, huwa qal li  huwa talab kopja tar-rapporti li jiġġustifikaw għaliex ser tittieħed l-art agrikola u fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jissottometti rappreżentazzjoni fejn il-posizzjoni tal-Kunsill tkun li għalkemm il-Kunsill jaqbel mal-estensjoni tal-impjant kontinwa ma' dak eżistenti, għandu tħassib dwar it-teħid ta' art agrikola.

5.24.4. Is-Sindku qal li huwa għandu informazzjoni li hemm bidwi li ċeda l-art agrikola tiegħu u hemm bidwi ieħor li l-art agrikola tiegħu ma ċedihiex. Huwa tal-fehma li l-art agrikola għandha tiġi protetta.

5.24.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jirrimarka li l-entitajiet konċernati ċertament li għamlu l-istudji tagħhom qabel ma saret l-applikazzjoni.

5.24.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.25.1. Periklu fi Triq is-Sagħtar (P/5/2/Vol III)

5.25.2. Il-Kunsilliera C. Castillo talbet li jiġi ċċekkjat sit li jinsab bejn Triq l-Għerien u Triq is-Sagħtar peress li hemm drop perikoluża u saħansitra waqa' tifel.

5.25.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ttieħdet nota ta' dan il-punt.

## 5.26.1. Proġetti iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/35)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li dwar 'Solidarity Project in the Community', il-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jidentifika l-ħames żgħażagħ li ħa jipparteċipaw f'dan il-proġett. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li jsiru posters u dawn jitwaħħlu u jitqassmu fil-Park tal-Familja, l-Mellieħa Sports Club Complex u fuq in-notice boards tal-Kunsill.

5.26.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li apparti l-posters, huwa jissuġġerixxi li jsiru xi kuntatti diretti maż-żgħażagħ u possibiliment jiġu identifikati żgħażagħ prospettivi.

5.26.4. Sar suġġeriment ukoll sabiex il-Kunsill joħroġ Espressjoni ta' Interess għal Youth Worker sabiex ikun jista' jsegwi l-proġett b'mod ġenerali.

5.26.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.27.1. Laqgħa dwar il-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata u l-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)**

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-laqgħa mal-għaqdiet lokali u l-Pulizija dwar il-kordinament tal-Festa tal-Vitorja fil-Mellieħa saret nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 2025 fis-7.15pm fis-sala Joseph Borg. Huwa qal li min-naħa tal-Pulizija attendew fost oħrajn is-Surġent Anton Buttigieg, is-Surġent Ivan Mifsud u t-tim li ser ikunu qed jikkordinaw il-festa. Dwar il-festa tal-Manikata, is-Sindku qal li għad trid tiġi ffissata data oħra peress li l-Kappillan ma setax jattendi minħabba mpennji oħra.

5.27.3. Is-Sindku qal li fil-preżenza tal-membri tal-kumitat tal-għaqdiet lokali li jkollhom irwol dirett fil-festa, il-Kunsill dar ġurnata b'ġurnata l-arranġamenti kollha sabiex jiġi kkonfermat il-kontentut.

5.27.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. It-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

5.28.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx bagħat l-ittra ta' nominazzjoni lis-Sur Pawlino Mifsud biex iservi ta' Chairperson tal-Liaison Committee fir-rigward tat-Torri l-Abjad.

5.28.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-ittra ntbagħtet iżda s-Sur Mifsud għadu ma weġibx lura.

5.28.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. e Scooters matul ix-Xatt ta' Santa Marija (T/3/2/Vol XVIII)**

5.29.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg talab li jitwaħħlu tabelli matul Ix-Xatt ta' Santa Marija fejn rampa partikolari peress li qed ikun hemm żgħażagħ li jsuqu l-e Scooters b'mod abbużiv.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jiċċekkja x'tabelli hemm fuq il-post qabel ma jipproċedi bl-ordni tat-tabelli.

**5.30.1. Wirjiet u Esebizzjonijiet minn Art Club 2000 (S/6/Vol VI)**

5.30.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl datat 10 ta' Lulju 2025 mingħand Art Club 2000 fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill jissieħeb magħhom fl-organizazzjoni tal-wirjiet u esebizzjonijiet li ser isiru mill-klabb bejn Lulju u Settembru 2025.

5.30.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li peress li dejjem ikkolabora mal-Art Club 2000 fl-organizazzjoni ta' wirjiet, eċċ, din is-sena ser ikun l-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u l-Art Club 2000 ser tkun b'rabta mas-servizzi li dan il-klabb ser ikun qed jagħti waqt l-Iljieli Melleħin 2025.

5.30.4. Għal dan il-għan kien hemm qbil li l-kontribut tal-Kunsill jkun ta' €400 fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

5.30.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Is-Servizz Silver T fil-Mellieħa (A/1)**

5.31.2 Is-Sindku għarraf li fir-rigward tas-servizz Silver T offrut mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità fil-Mellieħa, kif kien miftiehem fis-seduta preċedenti, huwa bagħat ittra lil dan id-Dipartiment sabiex possibiliment ikun hemm estensjoni ta' dan is-servizz minħabba d-domanda li hemm għalih.

5.31.3. Huwa qal li s'issa d-Dipartiment ma kienx bagħat tweġiba.

5.31.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.32.1. Talba mill-Mellieħa Netball Team għall-Kollaborazzjoni mal-Kunsill (S/6/Vol VI)

5.32.2. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl datat 3 ta' Lulju 2025 mingħand il-Mellieħa Netball Team fejn il-Kunsill intalab jissieħeb u jikkolabora magħhom sabiex jinxtaw kits ġodda għall-players peress li dawn għandhom bżonn jinbidlu. Huwa fatt li ċertament din tkun ħaġa xierqa għall-players infushom u għal meta dawn jikkompetu u jkunu qed jirrappreżentaw il-lokalità tal-Mellieħa.

.

5.32.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill m'għandux isib oġġezzjoni sakemm jiġu osservati l-procurement regulations f'dan ir-rigward.

5.32.4. Għal dan il-għan kien hemm qbil li l-kontribut tal-Kunsill jkun ta' €845 fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

## 5.33.1. Talba mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina għall-Kollaborazzjoni tal-Kunsill (S/6/Vol VI)

5.33.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 4 ta' Lulju 2025 mingħand l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina fejn il-Kunsill intalab jissieħeb u jikkolabora magħhom fl-organizazzjoni tal-kunċert annwali li jsir dakinhar tal-ħruġ tal-vara min-niċċa. Kunċert li jkun miftuħ għall-pubbliku mingħajr ħlas u li l-għan tiegħu huwa li l-komunità Melleħija tingħaqad dakinhar li jingħataw bidu l-attivitajiet marbuta mal-Festa tal-Vitorja. Is-Sindku G. Micallef qal ukoll li din is-sena l-għaqda qed titlob l-ammont ta' €1,500 peress li l-ispejjeż kull sena qed jiżdiedu.

5.33.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill dejjem ikkollabora f'din l-attività permezz ta' €800.

5.33.4. Is-Sindku G. Micallef issuġġerixxa li l-Kunsill jista' jikkollabora b'dak l-ammont u d-differenza tingħata mill-Fond Kulturali li l-Kunsill għandu fi ħdan ir-Reġjun Tramuntana għas-sena 2025.

5.33.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

## 5.34.1. Medieval Festival f'Agia Napa (K/1/5/4 Vol II)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa kellu kuntatt mas-Sindku ta' Agia Napa s-sur C. Zannettou dwar stedina sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jipparteċipa fil-Medieval Festival li ser isir f'Agia Napa bejn it-8 u t-12 ta' Ottubru 2025, bil-parata prinċipali tkun fil-11 ta' Ottubru 2025. Il-Kunsill t'Agia Napa huwa lest li jipprovdi l-akkomodazzjoni u l-ospitalità għall-persuni/gruppi li jitilgħu.

5.34.3. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa għarraf lis-Sur C. Zannettou li ser ikun qed jesplora l-possibilitajiet u d-disponibbiltà u qal li peress li fil-Mellieħa u fil-Manikata għad m'hawnx gruppi medjevali, il-Kunsill jista' jesplora l-possibilità li membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa jkunux jixtiequ jipparteċipaw b'aspett ta' folk tradizzjonali.

5.34.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jaqbel mal-proposta li jipparteċipaw il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa peress li xieraq li l-grupp ikun mill-Mellieħa u sakemm it-tema hija kompattibbli mat-tema tal-festival.

5.34.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li d-delegazzjoni tista' tkun komposta minn grupp ta' sittax-il persuni b'nisa lebsin l-għonnella u l-irġiel bit-tnabar.

5.34.6. Is-Sindku G. Micallef qal li tajjeb li l-Kunsill qed jaqbel fil-prinċipju u ser jagħmel kuntatt mas-Sindku ta' Agia Napa biex jikkomunika miegħu din il-proposta u jkun jista' jiċċara aktar punti.

5.34.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.35.1. Ir-Riżenja ta' Ms Rosalina Mifsud minn Uffiċjal Klerikali fi Skala 15 (P/7/1/Vol XVII)**

5.35.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li permezz ta' ittra datata 15 ta' Lulju 2025, is-Sinjura Rosalina Mifsud irriżenjat mill-kariga tagħha ta' Uffiċjal Klerikali fi Skala 15 b'mod immedjat. Fil-fatt is-Sinjura R. Mifsud talbet li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha tkun il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju 2025. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-ittra ta' riżenja ġiet iċċirkolata mal-membri tal-Kunsill kollha

5.35.3. Ms M. Gambin qalet li hija tkellmet mas-Sinjura R. Mifsud u staqsieha x'wassal sabiex hija tirriżenja mill-kariga tagħha – kariga li kien ilha tokkupa għal sena u ħames xhur. Ms M. Gambin qalet li r-raġunijiet li tat Ms R. Mifsud kienu primarjament minħabba raġunijiet personali u fejn jidħol ix-xogħol, minħabba:

(i) il-mobile personali tagħha kien qed jiġi mgħobbi ħafna b'materjal relatati max-xogħol; u
(ii) l-fatt li hi personalment ma kinitx qed tħossha komda għax setgħet tiġi miftiehma ħażin anke Politikament, anke jekk dan qatt ma kien il-każ.

5.35.4. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv xtaqet iżżid li matul is-sena u ħames xhur li Ms R. Mifsud ħadmet fl-uffiċċju tal-Kunsill fuq talba tagħha stess, ingħatat iċ-ċans li tidħol taħdem fil-parti tal-amministrazzjoni tal-Kunsill peress li kienet sabitha bi tqila li tibqa' fil-Front Office flimkien ma' impjegata ġdida peress li hi kien għad ma kelliex l-esperjenza. B'żieda ma' dan, din is-sena Ms R. Mifsud ingħatat l-opportunità li tipparteċipa f'taħriġ fl-Ewwel Għajnuna u anke f'taħriġ aktar intensiv fejn jidħol Book Keeping.

5.35.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu jinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar dan u jitlob il-permess tad-Diviżjoni sabiex ikun jista' jibda l-proċess biex isir l-ingaġġ ta' Uffiċjal Klerikali fi Skala 15.

**5.36.1. Xogħol ta' Manutenzjoni mill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi (T/12/3)**

5.36.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lill-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi, li permezz tal-ħaddiema fi ħdanha saru xogħlijiet ta' tiswija u tisbiħ fi Ġnien Ħidmet il-Volontarjat u f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa.

5.36.3. Is-Sindku għarraf li riċentement saret talba mill-Kunsill lill-istess Aġenzija, sabiex isir xogħol ta' xkattlar u manutenzjoni tal-balavostri li hemm fuq il-parapett f'Misraħ il-Parroċċa iżda sfortunatament l-Aġenzija għarrfet li m'għandhiex ħaddiema li huma intiżi f'dan it-tip ta' xogħol.

5.36.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa kien għamel talba sabiex il-bankijiet li nqalgħu mill-Park tal-Familja minħabba l-proġett tal-iskola, jitwaħħlu f'post ieħor fl-istess park.

5.36.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-bankijiet li hemm fil-Park tal-Familja għadhom tajbin iżda l-bankijiet li hemm fi Ġnien Dun Anton Debono għandhom bżonn jinbidlu. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jista' jitlob lill-Aġenzija tagħmel xogħol ta' manutenzjoni tal-bankijiet fil-Barbecue Area, fil-Bajja tal-Għadira.

5.36.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li fi Ġnien tas-Salib hemm bank li għandu strippa tal-injam miksura.

5.36.7. Il-Kunsillier J. Cauchi ħa din l-okkażjoni sabiex jiġbed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li jsir ħart fis-soft areas tal-Park tal-Familja kif ukoll possibiliment tissaħħaħ il-girna, wieħed jiċċekkja l-kwalità tal-ħamrija u l-bankijiet jiġu rilokati taħt is-siġar.

5.36.8. Il-Kunsilliera C. Castillo xtaqet tistaqsi wkoll jekk hux possibbli li gate li hemm fil-Park tal-Familja timxi għal aktar 'il ġewwa wara talba li saret minn xi bdiewa.

5.36.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li tittieħed nota tat-talbiet li saru.

**5.37.1. Devoluzzjoni tal-Parkeġġ tal-Għadira (A/6/7/5)**

5.37.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva imejl datat 7 ta' Lulju 2025 mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn intalab jikkonferma jekk għadux interessat fid-devoluzzjoni tal-parkeġġ tal-Għadira.

5.37.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jekk il-Kunsill jaċċetta, jidħol għal ċertu obbligazzjonijiet. Madanakollu huwa qal li permezz tad-devoluzzjoni dan il-parkeġġ jgħaddi f'idejn il-Kunsill u jkun jista' jiddeċiedi kif jutilizzah. Huwa żied jgħid li kemm-il darba l-parkeġġ jgħaddi f'idejn il-Kunsill, il-Kunsill jieħu r-responsabilità tal-manutenzjoni tiegħu f'idejh.

5.37.4. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb fl-affermattiv u din il-materja titla' bħala item fuq l-agenda tas-seduta li jmiss.

**5.38.1. Talba għal danni kkawżati fuq vettura fi Triq il-Kbira (D/5/Vol II)**

5.38.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill irċieva imejl datat 23 ta' Lulju 2025 mingħand is-Sur Joseph Matthew Attard fejn qed jitlob li l-Kunsill iħallas għad-danni li l-vettura tiegħu ġarrbet fi Triq il-Kbira eżattament quddiem il-Welbees Supermarket minħabba li l-bankina hija għolja aktar milli stipulat fil-liġi. Huwa qed jitlob l-ammont ta' €610.

5.38.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ewwel għandu jikkonsulta ma' Transport Malta dwar l-għoli tal-bankini imbagħad jikkonsulta wkoll mal-kumpanija tal-insurance.

5.38.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.39.1. Sparar ta' Murtali wara ċ-Ċerimonji taż-Żwieġijiet fis-Santwarju (A/6/3/Vol X)**

5.39.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li jagħmel suġġeriment fir-rigward tal-isparar tal-murtali meta jiġu fi tmiemhom iċ-ċerimonji taż-żwieġijiet fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa.

5.39.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li ħafna mid-drabi l-isparar isir waqt il-ħin tal-quddies fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u ma jagħmilx sabiħ.

5.39.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u sar suġġeriment sabiex il-Kunsill jitkellem mal-Arċipriet dwar din il-materja.

**5.40.1. L-Istatwa ta' San Pawl fi Triq l-Erwieħ (R/2/Vol III)**

5.40.2. Il-Kunsilliera C. Castillo talbet lill-Kunsill sabiex tinkiteb ittra lill-entitajiet konċernati biex possibiliment jikkunsidraw li jsir xogħol ta' restawr fuqha.

5.40.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-proposta li tintbagħat korrispondenza fuq din il-materja.

**6.1.1 Sejħa għall-Offerti dwar Servizz ta' Kustodju fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

6.1.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' Kustodju fil-Park tal-Familja peress li l-kuntratt magħluq.

6.1.3. Għal dan il-għan, kien hemm qbil li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tiċċirkola l-aħħar kuntratt li kien hemm fis-seħħ għal dan is-servizz, sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jarawh u jgħaddu xi tibdil jew kummenti tagħhom.

6.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.2.1. Sejħa għall-Offerti dwar is-Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku (K/6/4/Vol III)**

6.2.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Tabelli tat-Traffiku peress li l-kuntratt magħluq.

6.2.3. Għal dan il-għan, kien hemm qbil li l-Kunsill jipproċedi billi jagħmel is-sejħa għall-offerti fuq il-portal etenders.gov.mt/epps/.

6.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.3.1. Sejħa għall-Offerti dwar is-Servizz ta' Skart Goff (K/6/8)**

6.3.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill jeħtieġ li jagħmel sejħa għall-offerti dwar is-Servizz għall-Ġbir ta' Skart Goff peress li l-kuntratt magħluq.

6.3.3. Għal dan il-għan, kien hemm qbil li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tiċċirkola l-aħħar kuntratt li kien hemm fis-seħħ għal dan is-servizz, sabiex il-membri tal-Kunsill ikunu jistgħu jarawh u jgħaddu xi tibdil jew kummenti tagħhom

6.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 25 ta' Lulju 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Ġunju 2025 u s-26 ta' Lulju 2025.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn it-13 ta' Ġunju 2025 u l-1 ta' Lulju 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fid-9.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**